# PROGRAMM



# tal-Festi f'Għeluq il-150 Sena tà l-Istatwa tà SANT' ELENA 1837-1987

*Maħruġ mill-Kummissjoni Kapitulari*

# Messaġġ mill-Arċipriet

Għeżież,

Din hija l-ewwel darba li qed niktbilkom fl-okkażjoni tal-Festa Titulari ta' Sant Elena, Qaddisa tant għażiża għalina.

Fl-istess ħin għandi x-xorti li l-ewwel festa tiegħi bħala Arċipriet tagħkom se tkun speċjali għal żewġ raġunijiet.

L-ewwelnett din is-sena se nfakkru l-mija u ħamsin sena tal-istatwa artistika tal-Qaddisa tagħna. Statwa li ma tixba' qatt tħares lejha għas-sbuħija tagħha. Statwa li tesprimi fl-istess ħin il-qdusija u n-nobbiltà ta' din il-mara magħżula mill-Providenza biex tkun il-Patruna tal-Parroċċa tagħna.

Barra minn dan, din is-sena se sseħħ xewqa li ħafna kienu ilhom jistennewha. Qiegħed nirreferi għall ftehim li ntlaħaq bejn iż-żewġ każini tal-baned biex fil-festa jikkoperaw flimkien. U hawn ta' min irodd ħajr lill-membri taż-żewġ kumitati li wrew sens kbir ta' maturita li jagħmel unur lilhom u lil Birkirkara.

Il-Festa tiġi biex tressaqna lejn Alla u lejn xulxin bħal familja waħda.

Biex nersqu lejn Alla, l-Knisja tħeġġiġna nisimgħu l-Kelma t'Alla speċjalment fil-ġranet tat-Tridu, u mbagħad li nagħmlu qrara tajba niex inqaddsu Jum il-Festa bit-tqarbin imqaddes.

Biex nersqu lejn xulxin, jeħtieġ li nwarrbu dak kollu li jifred u jaqsam, jiġifieri piki, botti u mossi li joffendu. Wara l-ġest li għamlu l-baned, wieħed jistenna li kulħadd jikkopera biex il-Festa tgħaddi b'wiċċ il-ġid, mingħajr ma jkun weġġa' jew ġie offiż ħadd.

Fl-aħħarnett nixtieq li jieħdu sehem fil-Festa mhux biss dawk li huma minn Birkirkara għax twieldu hawn, iżda wkoll dawk, li huma ħafna, li ġew joqogħdu f'din il-Parroċċa.

Nagħlaq billi nixtieq il-Festa t-Tajba lill-Familji kollha u Sant Elena tberikkom.

**Kan. Dun Anton Vella**

# PROGRAMM TAL-FESTA

**Tnejn 10 ta' Awissu - Jum l-Għaqdiet Reliġjużi.**
7.00 p.m. Get together fiċ-Ċirklu San Gwakkin.

**Tlieta u Erbgħa - 11 u 12 Awissu.**
7.30 p.m. Fil-Bażilika - Pageant fuq S. Elena.

**Ħamis 13 Awissu - Jum iż-Żgħażagħ.**
7.00 p.m. Quddiesa u Varjeta fiċ-Ċirklu San Ġwakkin.

**Ġimgħa 14 Awissu.**
Vġili ta' S. Marija - 5.30 u 6.30 p.m. Quddies.

**Sibt 15 Awissu - Festa ta' S. Marija.**

**Ħadd 16 Awissu - Jum il-Kooperaturi**
Fis-6.30 p.m. Quddiesa Konċelebrata għall-Benefatturi Ħajjin u Mejtin bil-parteċipazzjoni tal-Ħaddiema tal-Knisja - Ħajjata - Nisa u Xebbiet li jieħdu ħsieb l-indafa tal-knisja - kunsill Parrokkjali - Dilettanti tan-nar - Kumitati tal Baned Duke of Connaught, St. Helena u St. Antnin.

**Tnejn 17 Awissu - Ħruġ l-Istatwa ta' Sant' Elena.**
7.00 p.m. Quddiesa Konċelebrata.
8.00 p.m. Ħruġ ta' l-Istatwa ta' S. Elena sal-Bieb Prinċipali, fejn il-Banda Duke of Connaught wara li tkun għamlet marċ, issellem lill-Patruna tagħna bid-daqq ta' l-Innu tagħha. Wara jitkompla il-Marċ.

**Tlieta 18 Awissu - Festa Liturġika ta' Sant'Elena.**
6.30 p.m. Quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Eċċlza. T. Rev.ma Mons Ġużeppi Mercieca bis-sehem tas-Saċerdoti u Reliġjużi Karkariżi kollha.
8.00 p.m. Kxif ta' Lapida mal-Palazz ta' Santa Liena u wara s-St. Helena Own Band tagħmel marċ mat-toroq prinċipali ta' B'Kara.

**Erbgħa 19 Awissu - Jum it-Tfal - I Tridu.**
9.00 a.m. Sfilata tat-Tfal Subien u Bniet kollha. offerta ta' Warda lill-St. Helena. jingħat rigal ċkejken.
6.30 p.m. Għasar u Quddiesa Konċelebrata bil-mużika mmexxija mill-W.R. Kan. Vinc. Demicoli - priedka mill- W.R. Kan. Arċip. D. Anton Vella. Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
8.00 p.m. Il-Banda S. Nikola tagħmel marċ minn Gargur St., John Borg, Brared, Anġlu Mallia, Valley Rd., Main St., St. Helen Square.
8.00 p.m. Il-Banda La Vittoria tagħmel Marċ minn St. Julian Str., St. Roque, Misida, Main Str. u St. Helen Square.

**Ħamis 20 Awissu - II Tridu.**
6.30 p.m. Għasar u Quddiesa Konċel. mmexxija mill-W. Rev. Kan. kant Vinc. Ciappara B.D. Priedka u Ċeleb. Ewk.
8.00 p.m. St. Anthony Band tagħmel Marċ minn Ta' Paris, Misida, Main St., u St. Helen Square.
8.00 p.m. St. Joseph Band tal-Hamrun tagħmel marċ minn Fleur-de-Lys, St. Roque, Main St., u St. Helen Square.



# TA' SANT'ELENA 1987

**Ġimgħa 21 Awissu - Jum il-Morda - III Tridu.**
4.30 p.m. Trasport tal-Morda u Quddiesa quddiem S. Elena u Benedizzjoni Sagramentali Solenni.
6.30 p.m. Għasar u Quddiesa mmexxija mill-W. Rev. Kan. Arċip. Anton Vella u Ċeleb. Ewk.
8.00 p.m. St. Helena own Band tagħmel Marċ mat-toroq prinċipali ta' B'Kara.

**Sibt 22 Awissu - Lejliet il-Festa.**
7.45 a.m. Kant tal-Martiroloġju.
8.00 a.m. Quddiesa Kantat tat-TE DEuM.
9.00 a.m. Duke of Connaught own Band tagħmel il-marċ tat-TE DEUM mat-toroq prinċipali ta' B'Kara.
4.00, 5.00 u 6.00 p.m. Quddies lett.
7.00 p.m. Translazzjoni Solenni tar-Relikwija ta' S. Elena - I Vespri Prepositali u Ċeleb. Ewk.
8.00 p.m.Duke of Connaught Own Band tagħmel marċ minn Valley Rd., Għall-St. Helen Square fejn iddoqq programm u Innu lill-Sant'Elena.
10.30 p.m. Ħruq ta' Murtali tal-Kulur mis-St. Helena Fire Works. Wara logħob tan-nar mill-Kump. S. Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ.

**Ħadd 23 Awissu - JUM IL-FESTA.**
4.30, 5.30, 6.30 a.m. Quddies Lett.
7.15 a.m. Lawdi u Terza Prepositali.
8.00 a.m. Quddiesa Solenni Prepositali mill-Illmu u Rev.mu Mons. I. Sciberras Psaila J.U.D., S.M.O.M., Prot. Apost. u Bibl. Onor. tal-Lateran. paniġirku mill-Illmu u Rev.mu Mons. Lawrence Cachia Lic. D.
9.30 a.m. Iż-Żewġ Baned Karkariżi jgħatu bidu għal-Marċ brijuż mat-toroq prinċipali kollha wara li kull Banda tkun sellmet lill-Patruna tagħna bl-Innu tagħha.
10.30, 12.00 a.m. u 5.00 p.m. Quddies lett.
6.00 p.m. II Vespri u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
7.00 p.m. Proċessjoni bl-istatwa majestuża ta' Santa Elena Imp. Awg. akkumpanjata minn Marċi Reliġjużi ta' St. Helena Own Band; qabel id-dħul jindaqq l-Innu.
7.30 p.m. Il-Banda Beland Taż-Żejtun u il-Banda ċittadina La Vallette jagħlu marċ minn Valley Road għall St. Helen Square.

N.B. Il-Mużika kollha tkun immexxija mill-Maestro di Cappella Fr. Albert Borg O.S.A.

Is-St. Helen Fire Works jisparaw murtali u murtaletti u batteriji waqt il-Funzjonijiet kollha tal-Festa.